# illum

22ċ / €0.51

www.illum.com.mt

08 ta' Lulju 2007 • Nr 36


## Id-dinja r-roża f'Malta ta' l-2007

paġni 6-7




# Lawrence Gonzi ma jilqax ir-riżenja ta' Mugliett

**Il-Prim Ministru Lawrence Gonzi m'aċċettax ir-riżenja tal-Ministru Jesmond Mugliett dwar il-każ tat-tkeċċija mill-impjieg ta' żewġ uffiċjali mill-Awtorità dwar it-Trasport li nstabu ħatja ta' tixħim.**

Għalkemm Mugliett tefa' r-riżenja tiegħu nhar it-Tnejn li għadda kien biss il-bieraħ, ħamest ijiem wara, li hu ikkonferma uffiċjalment magħna.

"Ma ridtx li l-Gvern iħossu skomdu bl-aġir tiegħi, għalkemm inħoss li l-aġir tiegħi ma kien fih xejn irregolari," qal Mugliett.

Kienet ġimgħa ta' tlajja' u nżul għal Mugliett meta ċ-chairman ta' l-Awtorità dwar it-Trasport ċaħad pubblikament li d-diretturi ta' l-Awtorità qatt kellhom xi sehem fid-deċiżjoni biex ma jitkeċċewx żewġ uffiċjali li nstabu ħatja ta' tixħim.

*Tkompli fuq paġna 3*



Jesmond Mugliett: Ma ridtx li l-Gvern iħossu skomdu bl-aġir tiegħi

## Tifel jingħata l-morfina bi żball

Julia Farrugia

**L-Awtoritajiet tas-Saħħa qed jinvestigaw il-każ ta' tifel ta' tliet snin li bi żball ingħata doża ta' morfina. Dan il-każ seta' wassal għall-mewt tat-tifel għaliex teknikament qatt ma kellu jingħata din il-mediċina.**

Il-każ seħħ nhar l-Erbgħa li għadda fis-Sala Disneyland ta' l-isptar San Luqa. Sorsi qrib il-familja tat-tifel ikkonfermaw ma' din il-gazzetta li ċ-ċkejken kien ilu għal din l-aħħar ġimgħa jingħata kura għall-meningite. Ġara li bi żball l-Erbgħa filgħaxija t-tifel ingħata l-morfina taħt forma ta' drip.

*Tkompli fuq paġna 3*

# Ir-rotta numru 13

Kurt Sansone

**Id-Deputat Laburista Joseph M. Sammut m'għandu l-ebda rimors għad-diskors li għamel fil-Parlament nhar it-Tlieta li għadda li kien imsejjes fuq il-biża' mill-immigranti.**

Sammut sa anki għamel suġġeriment biex lill-immigranti li joqogħdu fil-kamp ta' Ħal Far jagħmlulhom "karozzi apposta għalihom" għax ix-xarabanks fuq ir-rotta 13 ta' Birżebbuġa f'kull ħin tkun ippakkjata "b'dawn il-klandestini."

Anki jekk Sammut fid-diskors tiegħu kien qed jirrifletti l-ilmenti li għamlulu kostitwenti tiegħu f'Birżebbuġa, is-suġġeriment biex ikun hemm karozzi tal-linja "apposta għalihom" għandu riħa qawwija tal-politika ta' l-apartheid imħaddma fl-Afrika t'Isfel lura fiż-żmien.

*Tkompli fuq paġna 5*



Tal-linja mhux għal kulħadd

## Jistgħu jiżdiedu r-regolamenti għall-kmamar tan-nar

Julia Farrugia

**Il-Prim Ministru Lawrence Gonzi ikkonferma ma' *illum* li l-Gvern, f'konsultazzjoni ma' dawk kollha nvoluti, "ma jeskludix li jżid ir-regolamenti fil-ħdim tal-logħob tan-nar."**

Gonzi ikkonferma ma' din il-gazzetta li wara li joħroġ ir-riżultat ta' l-inkjesta dwar l-isplużjoni tal-kamra tan-nar ta' Santa Liena Birkirkara li ħalliet ħames vittmi, il-Viċi Prim Ministru Tonio Borg se jlaqqa' numru ta' esperti biex jiddiskuti magħhom x'jista' jsir b'mod prattiku u konkret biex ikunu implimentati aħjar ir-regolamenti li diġà hemm fis-settur tal-ħdim tal-logħob tan-nar.

*Tkompli fuq paġna 9*

## Illum klassifikati

Ara l-paġni tan-nofs





Madliena Village

A tranquil community of spacious luxury apartments enjoying spectacular views of the environmentally scheduled Madliena Valley with superb Mediterranean design including traditional balconies and terraces, bright layouts, garages, lifts and pedestrian pathways.






OPEN HOUSE

TODAY 8th July 2007 from 9 -12pm & 4 - 8pm

MADLIENA Village

Contact your preferred estate agent at Madliena Village today.


NEWSPAPER POST